MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 659/2002

**Charmaine Camilleri**

**vs**

**Eugenio sive Gino u Giovanna Antida konjugi Abdilla**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikun ikkundannati:**

**1. Ihallsu lill-attrici s-somma ta' sitt mija u disghin Lira Maltin (LM690.00,0) rapprezentanti rifuzjoni ta' kera mhallsa anticipatament u rizarciment ta' spejjez maghmula minnha in konnessjoni ma' l-**

**istess kirja, u dan prevja dikjarazzjoni li l-iskrittura datata 24 ta' Settembru tas-sena 2001, li permezz taghha l-attrici kriet minghand il-konvenuti l-fond numru 12, Triq Papa Giovanni, il-Mosta, hija nulla u invalida fil-ligi in kwantu affetta minn difett fil-kunsens ta' l-attrici u minn frodi da parti tal-konvenuti jew min minnhom;**

**2. Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Jannar tas-sena 2002, u bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali msemmija, tac-cedola ta' depositu numru 39/2002 tal-11 ta' Jannar tas-sena 2002, bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana peress illi fl-iskrittura tal-lokazzjoni tal-fond 12, Triq Papa Giovanni, il-Mosta ma' saret ebda frodi da parti tal-eccipjenti u l-kunsens tal-attrici ma' kien ivvizjat b'ebda mod kif qed tallega l-attrici. Illi l-attrici qalghet dawn l-allegazzjonijiet biss wara li hadet il-fond imsemmi b'titolu ta' lokazzjoni u ghar-ragunijiet li tafhom hi biss ddecidiet li riedet tinhall mill-kirja. Inoltre l-pretensjonijiet tal-attrici waslu biex saret dina l-kawza, biss wara li l-esponenti ntavolaw huma kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar biex jithallsu ta' arretrati ta' kera;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-kontro-talba tal-eccipjenti wkoll datata s-26 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha esponew is-segwenti:**

**i. Illi l-esponenti krew il-fond numru 12, fi Triq Papa Giovanni, il-Mosta. Illi wara li saret il-kirja,**

**l-attrici bdiet tilmenta li l-post ma kienx tajjeb ghaliha ghaliex ma kellhiex fejn twahhal air-conditioning unit u tank tal-ilma;**

**ii. Illi meta marret fuq is-sit biex tara l-post, qabel ma saret l-iskrittura tal-kera, l-attrici kienet rat b'ghajnejha kif huwa mqassam il-fond u kienet taf li l-arja tal-fond, li anqas tappartjeni lill-esponenti, ma' hijiex parti mill-kawza;**

**iii. Illi minkejja dan kollu Camilleri zammet ghandha l-fond in kwistjoni ghal zmien tlett xhur, wara liema zmien iddecidiet li tivvina l-allegazzjoni ta' frodi fuq l-iskrittura;**

**iv. Illi waqt li zammet il-fond, l-attrici ghamlet hsarat konsiderevoli fil-fond in kwistjoni liema hsarat jammontaw ghal mitejn u erbghin Lira Maltin (LM240.00,0);**

**Illi in vista tas-suespost talbu lil din il-qorti:**

**(1) Tiddikjara li l-attrici Charmaine Camilleri hija responsabbli ghall-hsarat li saru fil-fond numru 12, Triq Papa Giovanni, il-Mosta tul il-perjodu li dan il-fond kien mikri lill-attrici;**

**(2) Tikkundanna lil Charmaine Camilleri thallas lill-konjugi Abdilla s-somma ta' mitejn u erbghin Lira Maltin (LM240.00,0) rappresentanti danni minnhom sofferti kif hawn fuq spjegat;**

**(3) Bl-ispejjez;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenuta datata l-10 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha ecceppiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione valoris;***

**2. Fil-meritu, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponenti ma kkawzat l-ebda hsara fil-fond *de quo*;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat it-30 ta' Jannar tas-sena 2003;**

**Rat in-nota attrici datata t-28 ta' Frar tas-sena 2003;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Rat l-artikoli 47 u 48 tal-Kap 12;**

**Stante li l-meritu ta' din l-eccezzjoni preliminari mhux espressament indikat fl-artikoli fuq citati, tichad din l-ewwel eccezzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------